# Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad

Din hija edizzjoni imqassra tal-gabra ta' Mal-hoss qawwi tar-raghad. Ikteb lill-awtur fuq l-email seguna2005@gmail.com ghal gabra shiha.

**Ikun apprezzat jekk jinxtara l-ktieb fejn wiehed ikollu kopja originali bil-poeziji kollha.**

## Poeżiji

Omar Seguna

# Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad

## Ġabra ta' poeżiji li bosta minnhom ġew ippublikati f'ġurnali u rivisti ewlenin lokali

Awissu 2004

Omar Seguna

Ippublikat għall-ewwel darba f'Mejju 2001

© Omar Seguna 2001

Qed ngħix: qed ngħix fir-regħxa ta’ ġo ruħi.
Inħobb: m’iniex maħbub.  Għadni żagħżugħ.
Nixtieq: u x-xewqa tmut malli titrabba.
Irrid il-ferħ: u l-ferħ jisfagħli dmugħ.

Ġużè’ Chetcuti
*Il-Wied u Jien*

# Werrej

# Preżentazzjoni

It-tema ewlenija li fuqha huma mibnija l-poeżiji fil-ktieb "Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad" ta' Omar Seguna hi l-imħabba: l-imħabba għall-familja, għall-ambjent u, fuq kollox, l-imħaba assoluta għal Alla. Il-poeta nnifsu fl-ewwel poeżija jgħidilna illi dawn il-versi tiegħu jistħajjilhom memorji bħal mera mfarrka neżlin fuqu, kif jesprimi hu metaforikament, bħal qtar tas-silġ b'kull biċċa tirrifletti episodju differenti mill-ħajja tiegħu.

Irrid ngħid illi l-impressjoni li ħadt wara li qrajt il-poeżiji kollha li fih il-ktieb hi li hawn għandna żagħżugħ poeta mimli ħeġġa, enerġija u kreattivita' li għandu quddiemu futur promettenti li għad jagħtih, fil-fehma tiegħi ħafna sodisfazzjon. It-triq twila li qabad għadha fil-bidu nett u għad isib fiha żrar, ħofor, tfixkil u qtigħ il-qalb, imma bit-tempra soda, serja u qawwija li jidher li għandu, għad jegħleb b'suċċess id-diffikultajiet li jsib fi triqtu u jkompli miexi 'l quddiem. Dan iwettqu l-poeta nnifsu f'"Il-Poeżija Tiegħi" meta jgħidilna illi s-swied il-qalb, l-ipokrisija, l-esperjenza spiritwali, il-ħemda, il-kritika, l-Għid tal-Imwiet, dawn kollha ma tax kashom, kompla jikteb u, qal, "ħallejt ir-roti jduru."

Il-ktieb jiġbor fih disa' taqsimiet: (i) mera mfarrka; (ii) sigrieti moħbija fl-imħabba; (iii) ħabi tal-verita'; (iv) lejn dinja moderna; (v) mara ta' l-azzar; (vi) messaġġ moħbi; (viii) djarju ta' min għaddej minn żmien diffiċli; (viii) traċċi; (ix) it-tmiem.

Fl-ewwel taqsima tinħass mill-ewwel in-nota familjari : lil ommu u lil missieru. L-oriġinalita' fl-espressjoni , is-sens ta' rabta u mħabba mfisser f'sens metaforiku, l-idea konklussiva li tolqtok u tħallik taħseb, jiġbru fihom element ta' ħajja u kreattivita'. Lit-tfajla li jħobb u li jistħajjel fl-immaġinazzjoni tiegħu jagħmilha apoloġija : "Dak li hu iswed mhux se nisfumah". Imma fil-poeżija "F'Għajnejk sbieħ" mimlija ħniena u mogħdrija, jħoss li dawk l-għajnejn :

jifhmu dak li jien għandi xi ngħid għalik.
Hemm qalb li nħossha trid tkellimni,
tilqa' dil-poeżija l' għandi għalik.

Bħal fuq baħar kalm, f' ġurnata sajfija,
qalbi u ħsiebi jitpaxxew fis-serħan.
Kliemek ma jibdilx it-tifsira tiegħu.
Għal ftit minuti ħdejk inħossni għatxan.

Twarrabnix għax qed nitolbok bi ħrara,
jew taħsibx li se ntelliflek is-sliem.
Flimkien biss nistgħu nibnu l-ħolma tagħna,
jekk id f'id inħarsu nimxu 'l quddiem.

u f’poeżija oħra “is-saħħa għadha f’idejk” jgħidilha :

Taqtax qalbek sabiex timxi ‘il quddiem.
Taħsibx li l-ħolma għalik spiċċat.
Hemm ħafna x'tista' tara fil-ħajja.
Bħalek id-dinja għadha qatt ma rat.

L-istil tradizzjonali jħaddmu ħafna f’dawn il-poeżiji, hemm ukoll poeżiji li fihom ħaddem l-istil modern, imma għandu wkoll daqs tnejn jew tlieta b’xejra ta’ poe-proża, per eżempju : “Poeżija romantika għalik”; “Ritratt”; “Messaġġ Moħbi”.

Fil-poe-proża “Sigrieti moħbija fl-Imħabba” jgħidilna “ix-xemx minn wara kutra ta' sħab xeħtet dawl bla dija fuq id-dalma ta' moħħi u qalbi,” imma aktar ‘l isfel “f'daqqa waħda qisu l-anġli fetħu s-separju fuq id-dinja-mejta.  Is-sħab inferaq u x-xemx iddiet bejnietu; qisu l-bieb tal-ġenna jinfetaħ biex jurina l-ewwel żerniq.”

Dak kien  il-ħin meta feġġet quddiemu “tfajla żnella, liebsa libsa ħafifa, twila, bajda. Xaharha twil dehbieni jittajjar maż-żiffa tan-nirvana.  Narha tiġġerra lejja bħal fuq tapit miksi bil-fjuri.  Mal-ewwel ħassejt il-balzmu tas-serħan jinxteħet fuqi u donni nisma' leħen jgħajjatli mill-bogħod.  Inħsadt u qabżitli demgħa sħuna minn għajnejja fl-istess ħin.”

Lil din it-tfajla ta’ l-immaġinazzjoni tiegħu l-poeta jiddedika poe-proża oħra “Poeżija romantika għalik” :

> Meta taqa' d-dalma tal-lejl, tixgħel bħal fjamma f'qalbi għall-maħbuba tiegħi li tagħtini ċerta passjoni, ċerta serħan....
>
> Issa d-dalma tal-lejl donnha nbidlet f'attitudini mnebbħa mill-artist minquxa fuq tapizzerija ispirata mill-esperjenza ta' l-imħabba.

Din ix-xorta ta’ poeżija-proża daħħalha Victor Fenech fil-letteratura Maltija. Kien iż-żmien tal-Moviment Qawmien Letterarju Malti li twieled mas-snin Sittin, iż-żmien ta’ l-Indipendenza. Il-kittieba żgħażagħ riedu jinqatgħu mil-istil tal-poeżija tradizzjonali, iwarrbu għal kollox l-irwiegel tal-prosodija Taljana bl-uniformita’ u r-regolarita’ ta’ versi, sillabi, aċċenti u rima, u qabdu triq għal kollox differenti u mxew mal-moviment espressjonista bil-liberta’ assoluta ta’ l-espressjoni, ta’ l-idjolett u tad-devjazzjonijiet morfoloġiċi u sintattiċi, imnebbha mill-poeti Amerikani u Ingliżi. Taw xejra ritmika ġdida, anti-tradizzjonali fil-mekkaniżmu ta’ l-istruttura metrika u sintattika b’taħlita ta’ daqsijiet ta’ versi bla rima, poeżiji b’xeħta viżiva, konċiżi fl-espressjonijiet ta’ l-ideat u elementi ta’ termini oħra letterarji stilistiċi.

Dan il-ktieb "Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad" jiġbor fih iż-żewġ stili, il-wieħed dijametrikament kontra l-ieħor : l-istil tradizzjonali u l-istil modern. Il-għadd tal-poeżiji bi stil tradizzjonali jissupera ħafna l-għadd ta' dawk bl-istil modern, imma l-poeta t-tnejn għaraf iħaddimhom tajjeb u b'sengħa artistika.

Iebes u pessimistiku fil-"Messaġġ Moħħbi" meta l-poeta jkun għaddej minn burdata xejn sabiħa u ma jistax isib soluzzjoni għal ħajtu "inħoss li aħjar ma twelidt xejn." B'dankollu jħoss li hemm Alla u jitolbu :

Mulej, agħmel li:
Jekk jitgerbeb il-mewġ
ma jiddardarx il-baħar.
Jekk idejja għodda tajba
ma ssaddatx.
Jekk fommi eku ta' leħnek
kliemi ma jibdilx it-tifsira tiegħu.
Jekk qalbi tingħaqad kumpass
inħażżeż ċirku.
Jekk naħdem l-għalqa
ikolli l-frott.
Jekk tarani fil-għar
urini x-xemx.
Jekk ticcarrat il-purtiera
erġa' sejjaħli.

Il-ktieb jikkonkludu b'poeżija ta' 19-il paġna (pp. 112 - 131) b'versi l-biċċa l-kbira minnhom endekasillabi "It-triq tal-Mulej" - mixja

spiritwali mill-kriżi żagħżugħa sal-Fidi ferma f'Alla li hu dak li Hu, u l-esperjenzi spiritwali li għadda minnhom il-poeta żagħżugħ. Taħdem fuq kollox l-imħabba, imma waqtiet jinkedd u jirrabja bl-aħrax kontra Alla. Isaqsi : "Għalfejn hemm bżonn nitlob la Alla sieket?... Kif nista' nemmen fik? Għaliex int Mulejja taħqarni daqshekk? Tħallinix ninfired minnek, inwarrbek?...

> F'daqqa waħda l-anġli fetħu s-separju fuq id-dinja mejta. Is-sħab inferaq.

Fl-aħħarnett, tul il-kotra ta' poeżiji wieħed ma jistax ma jinnotax il-ħafna elementi ta' stilistika, b'mod speċjail l-metafora kompatta, suġġestiva, fiha forza espressiva, u d-deskrizzjoni, element imżewwaq bi kwadri ta' ġmiel, ta' ħajr, ta' ħajja b'ideat u tqanqil ta' qalb, u ta' espressjonijiet meqjusa u milquta.

Intenni dak li għedt fil-bidu, Omar Seguna għandu triq miftuħa beraħ għalih fil-futur. Ħeġġa, attivita', maturita huma t-tripied li fuqu tissaħħaħ ir-rieda ta' dan il-poeta żagħżugħ.

**Ġużè' Chetcuti**
**7 ta' Marzu 2001**

# Daħla

“Ibgħatli messaġġ.“ Illum dan il-kliem tisimgħu ħafna minn fomm dawk li jużaw it-telefons ċellulari. Terġa’ u tgħid il-mezzi ta’ komunikazzjoni bħalma huma l-internet, il-*pagers* u bosta oħrajn għamluha aktar sempliċi biex dak li jkun jibgħat messaġġ spontanju lil min ikun irid. Il-poeżija ukoll hi messaġġ spontanju. It-tul tal-poeżija jiddependi biss minn kemm tridu twil il-messaġġ li trid twassal. Għaldaqstant il-poeżija hi riflessjoni tal-burdata tal-poeta. F’din il-ġabra, il-poeżiji huma miġbura skond il-messaġġ li jridu jwasslu, jew aħjar skond il-burdata li kont għaddej minnha.

Kienet ilha tinħass ix-xewqa fija li nagħżel xi ftit mill-ġabriet ta’ poeżiji tiegħi fi ktieb wieħed. Dan minbarra li jolqot il-gosti differenti ta’ kull qarrej, jagħti wkoll il-possibilta’ li wieħed jara stampa waħda ta’ mumenti differenti; bħal mera mfarrka b’kull biċċa tirrifletti eposodju differenti mill-ħajja tiegħi.

Il-poeżija hi waħda mill-aktar espressjonijiet sinċieri. Madankollu ma nistax neskludi li l-arti għandna teseġera dawk il-mumenti li l-artist iħoss li għandu jagħtihom l-aktar importanza. Mhux l-ewwel darba wkoll, li sitwazzjonijiet li nkun ħsibt dwarhom jew ħassejthom iweġġgħuni, nagħmilhom

personali.  L-istil tal-poeżija x'aktarx li wkoll jirrifletti l-espressjoni tiegħi, u qatt ma nista' ningħalaq fi stil wieħed ta' poeżija.

Il-poeżiji huma miktuba wkoll fi żminijiet diffierenti.  Għaldaqstant jesprimu wkoll il-livell ta' maturita' li ktibt il-poeżija. Qabel ma għamilt din il-ġabra kien diġa jeħtieġli li niġbor diversi poeżiji skond it-temi partikulari f'ġabriet oħra. Dan is-sett għalhekk nippreżentah bħal bukkett imżewwaq u mingħajr dubju ħafna mill-qarrejja jassoċjaw ruħhom ma' ħafna minn dawn is-sentimenti.

**Omar Seguna**

# Mera mfarrka

Niżlin fuqi bħal qtar tas-silġ
memorji
bejn is-smewwiet u għalqa fil-bogħod
bħal ħolma.



## Missier....

Rajtek ġgant; rajtek fil-bogħod,
u nżajt din l-uniformi li libbistni int.
Kliemek tqil wisq għalija,
u għemilek issa qdiem.

Iżda jerġa' jsir moda
il-mod kif għallimtni nġib ruħi.
U għad infittex fuq elf dizzjunarju
il-kliem li mingħandek kont nisma'.

## Awtiżmu

L-għalliem liebes flokk aħmar,
flokk aħmar.
Għandu qalziet kannella,
qalziet kannella.
Għajjatli?
Lili? Xi trid?
Ma fhimtekx.

Hemm xi ħadd fuq it-telefon?
Bilqiegħda fuq it-telefon?

L-għalliem għandu stampa tal-kampanja.
L-għalliem għandu stampa ta' siġra u tlett itfal.
Ara, wieħed mit-tfal tiela' fuq is-siġra.

Tafu min qed jikteb dil-poeżija?

Jien tifel li kulħadd jibża' minnu.
Jew jien l-aqwa artist u n-nies iċapċpuli.
Jaħsbu li jien ma nagħti każ ħadd.

Min iħobbni
jafu li jien immur l-iskola u għandi ħafna
ħbieb.
Ara Toni u Marija huma l-akbar ħbieb tiegħi.
Jafu li naf nagħmel ħafna affarijiet.
Jafu li jien inħobb.

## Ħġieġa mkissra

**OVERDRIVE**

MAY - 017

b'
f' s a l t
e a
w ħ s a r a
q l- ħ ġ ie ġ j i n k i s e r
a f' d a q q a
n b
t
a

**4 - 8 - 96**

## Sekonda għaddiet

Sekonda għaddiet
bla ma naf kif,
donnu l-preżent
ma jeżistix.

Il-ħolma tiegħi hi l-karozza.
Immur fejn irrid.
Noħroġ meta rrid.

Noħroġ bit-tfal
xi dawra bil-karozza
ta' kull filgħaxija.

Filgħaxija mort Paceville
u nara
żewġ tfajliet għaddejjin,
waħda minnhom ...

Waħda minnhom
il-ħabiba tal-mara tiegħi.
Ilhom ħbieb aktar minn għoxrin
sena.

Għoxrin sena għandi,
u għadni bilkemm bdejt naħdem.
Naqla' lira fejn insib.

Inbati sabiex naqla' lira.
Għall-familja trid.

# Sigrieti moħbija fl-Imħabba

Ix-xemx minn wara kutra ta' sħab xeħtet dawl bla dija fuq id-dalma ta' moħħi u qalbi. Ir-riħ xlokk ħassejtu jifgani u bħal qabbadni l-buri. Ħarist 'il fuq. Rajt is-sema bla kulur, filwaqt li l-arja bla ħajja - it-tnejn bla ħoss. Waħdi fuq ir-ramel ħassejtni beżgħan. Maqtugħ għalija waħdi ħassejt in-nieqes. Ħassejt il-bżonn li ninfetaħ, li nikkomunika. Inxteħitt wiċċi fl-art u ħassejtni serħan. Il-muskoli straħu u tawni paċi f'qalbi. Iżda moħħi ma ħallinix bi kwieti.

F'daqqa waħda qisu l-anġli fetħu s-separju fuq id-dinja-mejta. Is-sħab inferaq u x-xemx iddiet bejnietu; qisu l-bieb tal-ġenna jinfetaħ biex jurina l-ewwel żerniq. In-natura wkoll irreċiprokiet mas-sbuħija tas-smewwiet. Is-siġar tal-kaktus tellgħu l-fjuri u dawru l-petali lejn id-dawl naturali u s-sħana tax-xemx. Fuq ix-xefaq deher l-ilma li beda jlellex, hekk kif ix-xemx titbissimlu. F'dak l-ilma rajt il-ħajja fost il-mewt u bħal ħassejtni miġbud lejh. Dak il-ħin bħal nara tfajla żnella, liebsa libsa ħafifa, twila, bajda. Xaharha twil dehbieni jittajjar maż-żiffa tan-nirvana. Naraha tiġġerra lejja bħal fuq tapit miksi bil-fjuri. Mal-ewwel ħassejt il-

balzmu tas-serħan jinxteħet fuqi u donni nisma' leħen jgħajjatli mill-bogħod. Inħsadt u qabżitli demgħa sħuna minn għajnejja fl-istess ħin.



## Ħolma

F'lejla sajfija,
jien u tfajla li ma nafx min hi,
fid-dlam,
għajr id-dawl bati ta' fanal baxx.

Xagħarha mħabbel maż-żiffa tan-nirvana.
Rajtha,
miexja ħafifa bħal fuq tapit tal-fjuri,
mgħottija biss b'libsa twila bajda.
Dak il-lejl fid-dawl tal-qamar
kien bidu ta' rumanz ġdid.

Ikompli jgerbeb iż-żmien,
u l-imħabba saret dramm
u lbisna bosta maskri.
Qaltli li lħaqna l-ideali,
li ngħixu f'palazz,
u hi tkun ir-reġina tiegħi.

Issa għalina t-tnejn,
solitarji, nħarsu siekta lejn xulxin.
Illum il-qamar mistoħbi wara s-sħab.

# Imħabba li qatt ma eżistiet

Dmugħ inġazzat
għal ħolma li għaddiet
ta' kesħa bierda għal xulxin,
ta' maktur imqatta’
jorbot żewġ siġġijiet,
ta' rabta bla għoqda
f'qiegħ il-baħar.
U wara li ntilfet
din l-istorja ta' mħabba
u tgħattiet bit-trab,
lewnek vjola
u
jien bla kulur,
nibqa' għalik ittimbrat
f'moħħok,
li jgħid ħafna kliem
li kuljum jibdel it-tifsira tiegħu.

## Dak in-nhar li tlaqt...

Inħoss il-bżonn tiegħek
li terġa' lura għandi.
Għaliex ninsab waħdi,
irrid immiss ħlejju l-id
ta' xi ħadd li jagħti każi.
M'inix b'saħħti biżżejjed.
Jekk nieqes minn x'imkien;
irrid inħoss l-idejn
ta' min naċċetta jien.
Ma rridx immur kontra l-volonta' tiegħek,
imma lanqas irridek tgħidli le.
Tiċħadx dik il-qalb
li diġa' tinsab imweġġa'.
Inħoss il-bżonn
li nitolbok skuża fejn inqast.
Forsi għada għad terġa' lura fi ħdani
u nerġgħu ningħaqdu fi mħabbitna.

Meta dawwart wiċċek u tlaqt,
sħaba sewda għattietni.
Iżda nħares u nisma' ragħad fil-bogħod,
ix-xita l'għad tinżel biex twitti kollox.

Meta dawwart wiċċek u tlaqt,
kien mument ta' qsim il-qalb.
Iżda issa wara leħħa ta' berqa f'berqa
donnu għadda l-maltemp,
bħal spiċċa kollox.

Nipprova nissiġilla d-demgħa
li tinżel sħuna minn għajnejja.
Nipprova nwebbes il-qalb ratba tiegħi,
iżda kollu għalxejn.
Għad għandi bżonnok.

F'din l-imħabba ta' bejnietna, f'din l-għaqda
narak ħielsa li tħobb il-ġuvni tiegħek.
U m'hemmx uġigħ illi qalbek tirċievi,
ma jasalx għandi f'rabta  waħda miegħek.

Xufftejk li donnhom iridu jkellmuni,
jaqsmu das-sentiment ħiereg mill-qalb.
Messaġġ li ma tistax tiddeskrivih
ta' ġuvni illi lilek dejjem ħabb.

Anke jekk ikun hemm waqtiet fejn taħseb
li ninsab bogħod minnek, jien dejjem qrib.
Hemm ħafna x'nistgħu naqsmu f'imħabbitna.
Nibqa' nfittxek sakemm lilek insib.

L-imħabba tista' ssir aktar matura.
Aħna qalb waħda maqsuma fi tnejn.
F'estasi naqsmu l-valuri ta' mħabbitna.
Kliemna  ma jistax jispicca fix-xejn.

Ejja għandi maħbuba tiegħi
sabiex jerġa' jkollna
waqtiet intimi f'estasi.
Ejja

## Min jista’ jifhimha dil-ħajja?

Meta rajtni mwarrab u qalbi mdejqa,
il-fantasija waslet biex tintemm.
Kienet turini li għad inkun hieni
bla ma ndunajt ħajti kollha hi hemm.

Indunajt kemm kien fieragħ il-ħolm tiegħi
meta ħsibt li kollox hu ward u żahar.
Naf li tort tiegħi, għax jien webbist rasi,
ma mmaturajtx ma ntbaħtx li sirna kbar.

U rajtek, ma ħaristx lejk, ma kellimtekx.
Mingħajr  maturita’ moħħi miżrugħ.
Iżd’ agħdirni tfajla, ejja ħdejja,
u ara s-sabiħ biss fija żagħżugħ.

Titlaqnix, iżda għallimni nħobbok.
Int taf b’din il-ġibda li jien għandi lejk.
Dawk mumenti ta’ ħlewwiet u ta’ benna
meta naħseb, nixtieq li qiegħed ħdejk.

## Ma ndunajtx...

M'għaraftx li ma kontx se nagħmillek ħsara?
Ma ndunajtx li kieku inti bqajt ħdejja,
jien kont inħossni ħafna aħjar
milli llum? Ma ndunajtx li jien ma kontx se
nagħmillek xejn ta' deni? Għaliex mela
għażilt li tmur, tħallini hawn?

Għalija s-solitudini ... saret tfisser
xi ħaġa li żżommni ... milli nħobb.
Jien ġuvni ta' temperament romantiku
iżda għadni ma wasaltx għall-fatti.
Għandi n-nieqes fija u nħoss
il-bżonn tiegħek, imħabbtek.
Jekk jirnexxielek tidħol
fin-niket ta' persuna,
dik il-persuna
ssir speċjali
għalik.

Ma tafx li għadni nfittxek, insejjaħlek?
Fejn kont meta dħalt id-dar, ma weġibtnix?
Ma tafx li jien għadni, u nibqa' nħobbok?

## Imħabba Diffiċli

Qalbi saret taħraq
għal sponża li diffiċli nagħsarha.
Żingara, nomada, eremita.
Xmara twila u jien werqa li qed tinxef.
Art li naħseb qatt mhu ser tagħti l-ħajja.

## Stqarrija Personali

Nagħmel din l-istqarrija personali,
forsi għad tissaqqa' dil-warda niexfa
li nixtieq noffri lil tfajla minn qalbi.
Forsi għad tgħum fil-baħar mejjet tiegħi.
Imħabbti ma tibqax biss poeżija
li ma jifimha ħadd, għanja ta' vistu.
Ma nibqax nimxi fuq qamar eklissat,
u int tisma' l-muzika bla noti tiegħi,
tħażżeż ċrieki u qlub miegħi
jew forsi

## Għażla Miftuħa

Rajtek ja tfajla ‘il bogħod ‘il bogħod tfittex,
għaliex bħali fl-imħabba nħqart u bkejt:
Tfittex xi qalb ta' ġuvni li jaf iħobb.
Triq twila u dejqa sakemm tgħid ħabbejt.

Ħa nesprimi dak li m'inix kapaci,
bl-uniku mezz l'għandi - il-poeżija.
Inneħħi din il-maskra tat-tbissima.
Nikxef solitudini tat-tfulija.

Kif ħa naqbad nesprimi din l-imħabba
li ‘l quddiem għad tfisser biss hena, ġid.
Jekk flimkien qalb waħda nkunu magħquda
Mħabbti tkompli jekk tiegħek inħoss l-id.

La darba tkun it-tfajla tiegħi tibqa'
sabiex flimkien ngħixu dal-ħolm sabiħ.
Jien rajtek tħares ‘il bogħod lejn il-kwiekeb.
Ġo dak l-infinit qalbek għad tistrieħ.

## Minn qalbi għalik ...

F'din l-imħabba ta' bejnietna, f'din l-għaqda
narak ħielsa li tħobb il-ġuvni tiegħek.
U m'hemmx uġigħ illi qalbek tirċievi
ma jasalx għandi f'rabta waħda miegħek.

Xufftejk jiċċaqalqu, iridu jitkellmu
jaqsmu das-sentiment ħiereġ mill-qalb.
Messaġġ li ma tistax tiddeskrivih,
ta' ġuvni illi lilek dejjem ħabb.

Anke jekk ikun hemm waqtiet fejn taħseb
li ninsab bogħod minnek, jien dejjem qrib.
Hemm ħafna x'nistgħu naqsmu f'imħabbitna
u nibqa' nfittxek sakemm lilek insib.

L-imħabba tista' ssir aktar matura.
Aħna qalb waħda maqsuma fi tnejn.
F'estasi naqsmu l-valuri ta' mħabbitna.
Kliemna ma jistax jispiċċa fix-xejn.

## F’għajnejk sbieħ

F’għajnejk sbieħ, mimlija ħniena, mogħdrija,
jifhmu dak li jien għandi xi ngħid għalik.
Hemm qalb li nħossha trid tkellimni,
tilqa’ dil-poeżija l’ għandi għalik.

Bħal fuq baħar kalm, f’ ġurnata sajfija,
qalbi u ħsiebi jitpaxxew fis-serħan.
Kliemek ma jibdilx it-tifsira tiegħu.
Għal ftit minuti ħdejk inħossni għatxan.

Twarrabnix għax qed nitolbok bi ħrara,
jew taħsibx li se ntelliflek is-sliem.
Flimkien biss nistgħu nibnu l-ħolma tagħna,
jekk id f’id inħarsu nimxu ‘l quddiem.

# Poeżija romantika għalik

Meta taqa' d-dalma tal-lejl, tixgħel bħal fjamma f'qalbi għall-maħbuba tiegħi li tagħtini ċerta passjoni, ċerta serħan.

Fil-ħajja jkun hemm ħafna mumenti diffiċli, iżda hemm xi waqtiet li jħallulek it-togħma ħelwa ta' l-imħabba.  U fejn fil-passat niftakar fiż-żmien imdallam ta' solitudini, bħal donnu ma nistax ma nxerrdix demgħa meta nreġġa' qalbi lura għal dak iż-żmien.  Kollha jagħtuk l-impressjoni ta' mera mfarrka b'kull biċċa tirrifletti eposodji differenti minn storja romantika waħda.

Issa għadni kif ħriġt mat-tfajla, Paceville, u nħoss li qatt f'ħajti ma ħadt daqshekk gost. Maż-żiffa ħelwa tar-rebbiegħa, xagħarha jitberfel qisu qed jilgħab mar-riħ li qed ibandlu. Nammira l-mixja tagħha, wisq imqita, għalkemm it-tfajla hi waħda dħulija.  Kienet liebsa libsa twila bajda sa riġlejha, ħfief fil-mixja bħal fuq tapit miksi bil-fjuri.

Morna diversi postijiet oħra flimkien.  Imma xejn ma jiżboq il-kliem sabiħ li nisma' minn għandha.  Kont ilni issa nħoss il-bżonn tagħha, saħansitra wasalt biex ma nibqax nara skop għal ħajti u kont nistenna l-mewt illum qabel għada.  Nismagħha diversi drabi dil-kelma minn qlub solitarji, jew min għaddej minn xi

dipressjoni. Iżda tesperjenzaha trid, sabiex tagħraf id-dalma li taqa' fuqek, meta titlef kull għan u kull taqtigħa fil-ħajja.

Issa d-dalma tal-lejl donnha nbidlet f'attitudini mnebbħa mill-artist minquxa fuq tapizzerija ispirata mill-esperjenza ta' l-imħabba.

Kull filgħaxija, hekk kif ir-raġġ qamri
jiddi fuq qalbi, ngħanni poeżija
romantika għalik; int u jien.
Daqshekk importanti li nkunu flimkien
waħidna f'dirgħajn xulxin.

Kull meta tpespisli kelmtejn f'widnejja,
illi aktar isaħħruni għal warajk,
nitpaxxa b'dal-waqtiet sbieħ, ta' passjoni:
Daż-żmien sabiħ li nixtieq ma jgħaddi qatt.

Saħħanni fi ħdanek, bħal omm lil binha.
Kull meta tmissni tagħtini sigurta',
meta ħlejju ħlejju taqbadli jdejja
nagħraf li mħabbti għalik ma tintemm qatt.

Ma nistax ma nistqarrx li m'hemm ħadd ħliefek.
Ħadd ma jista' jagħmel dil-bidla fija.
Nħobbok tant li rrid ngħix ħajti biss għalik.
Għannaqni taħt ix-xita ħelwa miegħek.

Inħobbok aktar milli nista' nfisser.
Kull meta niftakar fik bħal nintilef.
Ma nafx kif naqbad nesprimi dil-ġibda
li jien għandi għalik, meta nkun fil-qrib.

Jien il-ġuvni u inti t-tfajla tiegħi
u meta tħossok waħdek ftakar fija.
U bħal pittur għaqli ninseġ fuq tila
minn bejn il-ħolm, int miexja f'xatt il-baħar.

Fuq ix-xatt ktibt ismek fuq ċagħka bla lewn.
Ħarist lejn il-baħar u lejn il-kwiekeb.
Ġbartha, żammejtha f'qalbek u rriflettiet
qawsalla, b'kull lewn li tixtieq qalbek.

Minn bejn ix-xewk u l-għollieq toħroġ warda.
Minn bejn is-sħab jinfetah bħal separju
biex ix-xemx tiddi fuq qalbna għal dejjem.
Ħadd ma jidħol bejnietna, ħlief int u jien,
          weħidna f'dirgħajn xulxin.

# Maħbubin

miblugħ dħalt f'ħolma bħal wieħed skantat
żewġ maħbubin waħidhom fuq il-blat

fuq il-blat, ħdejn il-baħar, int u jien
l-ebda artist ma sab dawn l-ilwien

iddoqq bil-flawt ta' l-imħabba fis-skiet
tipprova tixgħel kull xemgħa li ntfiet

hemm itterraq fuq iż-żrar taħt riġlejk
tibgħatli demgħa sabiex inkun ħdejk

riġlejk mexjin dal-vjaġġ bla tmiem
dal-vjaġġ li fih nitkellmu mingħajr kliem

Ward ħelwin.
Qlub safjin.
Imfarrġin,
minn xulxin,
f'jiem xemxin.
Maħbubin.

Kemm iġġerrejna fuq il-blat u r-ramel.
Qatt ma ninsa l-jiem li ħriġna flimkien,
'il bogħod mid-dinja qarrieqa tal-maskri.
Skoprejt il-verita', skoprejt min jien.

# Ħabi tal-Verita’

Jekk trid issir taf min jien, sbejħa tiegħi
taranix ġuvni sabiħ, attraenti.
Tħarisx lejja, dak illi jista' jferrħek.
Ftakar, taħt it-tbissima hemm il-bikja.
Hemm id-dmugħ nieżel minn għajnejn il-buffu.
Hemm problemi taħt il-karikaturi.
Tiftakar meta rajtek l-ewwel darba
morna nieħdu *drink*, tajtek tazza vojta,
offrejtlek bukkett ward nixfin u bix-xewk.
Tistenniex mingħandi kliem sabiħ, bla kulur.
Imbagħad għadda ż-żmien iżda jien bqajt tifel.
Int għaraft it-tbissima fl-arti tiegħi.
Tgħallimt bl-amment dik is-solitudini;
is-sentimenti ħerġin mid-dmugħ tal-qalb.
Tarax il-palk; jingħata għalik bla ma trid:
Jien qed nagħtik iċ-ċans, tifhimni aktar.



## l-Pittura

Imħabbtek issejjaħli
sabiex flimkien nagħmlu din il-pittura
li fiha inti tpinġi qlub qlub ħomor
bla ma tispiċċa.

Xi waqtiet ma jogħġobnix dak li tagħmel int
u minflok nuża l-isbaħ kuluri
u ngħidlek li għalik nagħmel
l-aktar pittura kreattiva.
Xi waqtiet saħanstra nitlewmu
liema huwa l-aħjar kulur.

Flimkien immeddu jdejna,
fuq l-istess tila.
Naħseb li għada,
ser tkun simbolu
ta' mħabbitna.

## Silta minn esperjenza tal-biki

Jien mara miżżewġa. Meta konna għadna għarajjes, tgħidx kemm kien iħobbni. Kien iġibli l-fjuri kuljum u joħodni fir-restoranti niekol. Kien jgħidli kemm kien lest li jiġġieled għalija! Iva, biex jurini kemm kien buli u għax kien jgħir għalija. Kont inħobbu b' imħabba għamja. Kien il-prinċep tiegħi.

Wara li żżewwiġna inbidel mil-lejl għan-nhar. Ma baqax joħroġni. Beda jilgħab il-flus u għalhekk bagħatni naħdem fejn ried hu u l-ħinijiet li ried hu. Ħafna drabi ftit li xejn inbidel. Baqa' jurini kemm kien buli, imma, billi beda jerfa' jdejh fuqi. Baqa' l-prinċep tiegħi, u jien sirt is-seftura tiegħu.

## Fl-Istrajk ta’ mħabbitna

Fis-silenzju ta’ bejnietna
kellimni.
Fl-istrajk ta’ mħabbitna
ħu azzjoni.
Nitolbok tfittex il-kewkba
li turik it-triq
u tidħol fil-katakombi ta’ qalbi;
fid-dlam,
għajr musbieħ inemnem.

Ejja noħorġu f’ dal-maltemp,
niġru,
għax dak li żrajna ser jinqered.
Forsi għada tieqaf ix-xita.

# Lejn dinja moderna

Illum ix-xemx staħbiet wara s-sħab,
u ħassejtni nifga
wara l-ħitan għoljin tas-swar,
ta’ Babel li tibki ġrajjietha.
U l-eħrex attakki kasbruha,
u llum inbiegħet bl-irħis
lil min ma jridx jixtri
u komplew żebilħuha
b’għemilhom.

Forsi ma ndumx ma nerġa’ naħrab
‘il bogħod, ħieles lejn xatt il-baħar,
u nħalli warajja biss il-poeżija ta’ malinkonija.
Forsi ma nerġax nisma’ n-noti stunati
ta’ min ma jafx idoqq.
Forsi ma nibqax eżiljat f’pajjiżi
u mwerwer f’dari.
Forsi ma’ l-għabex
ngħix il-ħolma tiegħi.



## Waħdi Beżgħan

Ma rridx niftaħar
għax m' għandix biex.
Tagħmilnix b'saħħti
għax nieqes minn x'imkien.

Jien poeta fqir,
nimxi, nitkaxkar, nitgħallem intir.
Bħalek noħlom li għad inkun jien,
jew forsi niftaħar li jien ħaddiem,
iżda narani
imdendel għajjien.
Waħdi
la titlaqnix.

## Int ħaddiem

Ftakar meta kont żgħir,
il-ħolm intilef fil-ftuħ tal-ġnien
u issa li l-meraq niżel kollu
tinsab f'għar vojt u mudlam.
Maqbud f'ħuġġieġa
sa minn meta kont żgħir
u kien hemm min kebbes aktar in-nar.
Mela ejja ħaddiem,
martri, barrani fuq ix-xogħol tiegħek;
tkomplix tgħix fid-dellijiet tal-lejl
ħares lejn id-dawl.
Ejja ħaddiem.
Int artist, int kbir.
Int ħabsi.
Oħrog miċ-ċella tiegħek u uri min int!

## Intolleranza

F’din id-dinja
fejn kulħadd idoqq monokorda,
wara li nkun żbaljajt f’kitbieti,
inkun nixtieq li ħadd aktar
ma jibqa’ jafni bħala kittieb.

# Mara ta' l-Azzar

Illum għandi storja
fuq mara ta' kuraġġ.

Għandha fiha nar iħeġġeġ
li kebbisha b'għemil li jqanqal
u b'ħidma kburija.
Mara li taf fejn trid tasal.

U minkejja li forsi f'dan iż-żmien
għaddejjin minn żmien diffiċli,
jien xorta nibqa' nemmen fiha.

Minn bejn ix-xewk, qalb il-blat, titla' warda,
u nżomm dik il-warda f'qalbi għaliha.
U jekk fil-maltemp u l-baħar imqalleb
jien nibqa' nfittixha u nemmen fiha.



## Sħaba sewda

Xi waqtiet kull bieb li niftaħ,
jinstabat ġo wiċċi.
Xi waqtiet inkun ma' l-oħrajn,
u xorta nħossni waħdi.
Imbagħad inqalleb u naqra,
il-poeżija mdejqa tiegħi:
Kliemi oskur u ma jiftihemx.
Frustrat
jibqagħli tama biss biex noħlom.

Ikun hemm mumenti,
fejn nimxi f'toroq
li ma jwasslu għal imkien.
Ikun hemm mumenti,
fejn is-sema blu
titkarrab bl-uġigħ.
Iżda hawn jien bid-demgħa fuq għajnejja,
nħoss il-bżonn ta' l-għajnuna,
ta' xi ħadd li jagħti każi.

## Breakthru

Fid-dlam sakemm jisbaħ,
nofsi mejjet fil-kesħa
u bil-biża'.

Filgħodu nqum
u nsib li ma nbidel xejn,
u l-istess ħolma kerha
tibqa' tiġri miegħi.

    Xejn mhu se jkun daqshekk faċli.
    Fuq hekk nista' nkun żgur.
    Forsi kollox jinbidel.
    Il-ħajja bħal rota, iddur.

Inkun nixtieq noħroġ
ir-rabja minni nnifsi.
Jekk tobgħod, tgħix fil-mibegħda
u hekk tinqabad fin-nasba.

    Xejn mhu se jkun daqshekk faċli.
    Il-ħajja mhijiex ward u żahar.
    Irrid biss li ngħix fl-imħabba
    u hekk żgur li ngħixu aħjar.

## Għażla f'ħajti

Fis-silenzju ta' bejnietna,
jien waħdi fir-rokna,
u ħadd ma jagħti każi.
Irrid nitkellem, irrid li niftiehem.

U kollox kien jinħeba
l-iżbalji li nara madwari taħt it-tapit.
Ħsiebi kien biss fil-futur tagħna.
Ħuġġieġa ta' rabja u xewqat
flimkien, mexjin lejn il-futur tad-dlam.

Fis-silenzju ta' bejnietna għamilt għażla f'ħajti.
Naf li issa ż-żmien wasal
li neqred il-passat u nħares lejn il-futur.
Forsi kollox jerġa' jingħata l-ħajja.

## ħ e l s i e n

fil-maltemp ma nibżax
noħrog ‘il barra
bħal gawwi li minn bejn l-irdum jittajjar
inkisser ħitan tal-konkrit madwari
sakemm tintefa' x-xemgħa
l'ilha tnemnem
forsi għad xi darba
nara dawl gdid

## Ritratt
### (Riflessjoni)

Il-mara liebsa l-fardal qiegħda thejji l-ikel. Ilha ma toħroġ xi ġimgħa. Filgħaxija żewġha jmur sal-każin. Il-mara kienet ilha ħafna tistennieh. It-tifla tagħha marret ħażin ħafna fl-eżami u qed tibża' tgħid lil żewġha dwar dan. Wara kollox responsabbilta' tagħha kienet! Fl-aħħar, ir-raġel jasal id-dar wara ġurnata xogħol. Jidher għajjien. Għandu l-piż tal-familja u bħalissa għandu bosta problemi fuq ix-xogħol. X'jagħmel kieku kellu jitlef l-impjieg? Forsi jibgħat il-mara taħdem, imqar ftit sigħat.

o . 0 . 0 . o

Illum hu jum ġdid.

Ir-raġel u l-mara id f'id bdew jaħdmu biex jibnu dinja ġdida. Hemm ħafna differenzi bejniethom, iżda hemm dinja waħda għall-bnedmin kollha f'daqqa.

Issa x-xemx telgħet biex ma tinżel qatt.

## Is-saħħa għadha f'idejk

Taqtax qalbek sabiex timxi ‘l quddiem.
Taħsibx li l-ħolma għalik spiċċat.
Hemm ħafna x'tista' tara fil-ħajja.
Bħalek id-dinja għadha qatt ma rat.

Hemm eroj ġewwa qalbek, hemm is-saħħa.
Tingħata l-ħajja, bħal warda f'rebbiegħa.
U għad tibki l-jiem illi fihom batejt,
meta tiegħek għad tasal din is-siegħa.

Fis-siegħa tar-rebħa tara dawl gdid,
meta int stess tieħu ħsieb il-ħolqien.
Forsi fil-bidla għad tagħraf min int,
titħallas bħala l-bniedma ta' kull żmien.

Għalhekk qatt u qatt m'għadek tħares lura.
Taħsibx li l-ħolma għalik spiċċat.
Int persuna speċjali.  Int sabiħa.
Bħalek id-dinja għadha qatt ma rat.

## Ħielsa miegħi

Nistiednek sabiex miegħi
f’dan il-ġnien sabiħ,
tiġġerra ħielsa.
F’dan l-oasi ta’ paċi
moħħok mistrieħ.
Ħakkiema ta’ dan il-ġnien
- flimkien miegħi
f’dan iċ-ċirku ta’ mħabba.
Qatt m’ int qaddejja,
imma mexxejja bi kwalitajiet tajbin,
minkejja l-iżbalji.
Miegħi int ħielsa
f’dan il-ġnien b’ward mill-isbaħ
inħażżu flimkien qalb waħda:
L-emblema tar-relazzjoni tagħna.
Miegħi int ħielsa
li tgħix fl-imħabba.

**Flimkien:**
**fil-faqar u fl-uġigħ**

Ħares madwarek
u ara l-ġmiel tax-xemx ħamra
nieżla fuq l-irħula.
Ara l-ġonna ħadrana
u jiena u int,
weħidna niġġerrew qalb l-għoljiet.
Ħadd ma jtellifna
għajr l-għana ħelu ta' l-għasafar
li jpaxxi l-widna.
Mixħutin fuq il-ħaxix,
nitgħaxxqu bl-ilwien sbieħ u naturali,
liberi sabiex niskopru lil xulxin.

M'inix xi wieħed li nista' ninħeba.
Tarahx stupidu das-sentiment tiegħi
-kliem li jidher bla sens f'dil-poeżija;
'mma kull ma nixtieq hu li tibqa' miegħi.

Li kont sinjur kont nibnilek dar kbira
sabiex ngħixu fiha aħna t-tnejn flimkien.
Li kont politiku nibqa' niġġieled
sabiex bħalek kull mara jkollha l-ħelsien.

Xejn ma jimporta, x'tagħmel jew min int.
Nibqa' nħobbok aktar ma jgħaddi ż-żmien.
Ersaq lejja anke jekk forsi żbaljajt
għaliex meta nkun miegħek insir jien.

U ibqa' miegħi għal dejjem
anke jekk ma temminx fija
jew taħseb li jien zbaljat
għidli biss - kuntenta bija.

# Traċċi

Bilqiegħda skomdu,
ndoqq noti strambi,
u ngħanni għanja malenkonika
dwar gwerra bierda
bejn żewġ kopji
ostili għal xulxin.
Din hi nota familjari.

Fuq xatt il-baħar,
nara traċċi tal-
għaqda ta' l-
imgħoddi
u nisma' ilħna jidwu
kontra xulxin.
Inħares madwari u
nara,
għasfur bla ġwienaħ
qiegħed jipprova jtir
fuq siġar bla weraq.
Nintefa sieket fuq iċ-
ċint,
u naħseb,
fuq din l-art li mhux
se tagħti l-ħajja.



# It-Tmiem

Bħal warda li ddum tistennieha tikber
u titgħaxxaq taraha tisbieħ,
imbagħad tinxef qisu qatt ma kien.
Bħal kanarin
li bil-għana ħelu tiegħu ipaxxik,
u hesrem kollox jasal fit-tmiem.
Il-mewt hija sfida
li tiġġilidha u ma tirbaħhiex.
Il-mewt hija waqfa
li żżommok milli timxi 'il quddiem.
Il-mewt hija
it-tmiem.



## Il-Ħajja

Ix-xemx minn wara l-għoljiet
tagħti bidu għal jum ġdid,
li jista' jkun bnazzi
u jista' jkun maltemp,
imma jum
li jrid jintemm.

Il-ħajja
bħal ruħ mitlufa
ġo foresta perikoluża.
Il-ħajja hi bħal fjura
li titbiel u tmut.
Il-ħajja hi bħal pjanta
li tista' tiġi mirfusa
u mqaċċta .
Il-ħajja hi
kummiedja li trid tintemm.
Il-ħajja hi arloġġ
li l-ħin kollu jgħidlek
li qed jgħaddi ż-żmien
għat-tmiem.

Din hija edizzjoni imqassra tal-gabra ta' Mal hoss qawwi tar-raghad. Ikteb lill-awtur fuq l-email seguna 2005@gmail.com ghal gabra shiha.